# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 13 ta' 2023, miżmuma nhar is-17 ta' Ottubru 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |

**AĠENDA**

13.1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
13.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
13.3: Komunikazzjoni tal-President;
13.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
13.5: Korispondenza
1136: Rapporti;
 13.6.1 3rd Quarter Managemnt Accounts
13.7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
 13.7:1. Christmas Choir festival
 13.7.2 Bulky Waste
 13.7.3 Progetti
 13.7.4 Ambjent
 13.7.5 Skart
 13.7.6 Mental Health
 13.7.8 Milied 2023
 13.7.9 Team Building Regjun Tramuntana
 13.7.10 AGM Regjun Tramuntana

Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
13.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:10 mill-President, is-Sur Clifford Galea

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Anne Marie Muscat Fenech Adami, Stefan Cordina u Angelo Micallef kienu skużati.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 11 miżmuma fit-26 ta' Settembru 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Clifford Galea issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa numru 12, Urġenti, miżmuma fit-2 t' Ottubru 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Clifford Galea ippropona li jkunu approvati. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 3.1 Komunikazzjoni mill-President

Il-President Clifford Galea staqsa lis-SE jekk kienx sar bank account ġdid gal l-usu tad-debit card. SE wiegeb li talab lil bank biex jinfetah dan il-kont ġdid, iżda s'issa għadu ma sarx. Qal ukoll li reġa kiteb lill-manager biex jistaqsi fiex wasal il-proċess tal-kontijiet il-ġodda, kemm dak għad-debit card, kif ukoll għal fondi Ewropej.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President staqsa għaliex l-Imtarfa ma kienux irċevew riċevuta għal ċekk li kienu bagħtu. Ir-Reġjun ser ikun qed jiċċekkja jekk intbatitx riċevuta, u jekk le, din ser tintbgħat.

Il-President staqsa jekk kienx hemm xi żvillup fuq il-live streaming. Is-SE wieġeb li kien għadu qed jistenna gwida, u kien ser jerġa jikteb lill-IMU/Mita rigward dan is-suġġett. Il-President staqsa jekk hux possibli li jibda jkun hemm recording tal-laqgħa. Is-SE qal li dan possibli, u uża l-programm zoom biex jirekordja is-sessjoni.

Il-President talab lir-Reġjun jibgħat lista ta' proġetti u fondi li hemm fis-seħħ f'dan il-perjodu. Talab li l-kunsilli jkunu mfakkra ta' x'jistgħu jibbenifikaw. Ir-Reġjun filfatt kien bgħat ittri rigward il-fondi li hemm lill-Kunsilli.

Il-President tkellem fuq il-laqgħa tar-reġjun li kienet saret fuq il-proġett tal-Community Innovation Fund. Huwa qal li l-membri fil-laqgħa qablu li jintalab Audit fuq dan il-proġett speċifiku, u talab lis-SE jitlob kwotazzjonijiet lil erba' ditti tal-awditjar kbar. Kyle Mifsud staqsa lis-SE jekk kienx sab in-numru tal-kawża konta r-Reġjun f'dan il-proġett. Is-SE qal li le, u għalhekk kien suġġerit li jitlob lill-avukat difensur għad-dettalji. Il-President wera x-xewqa li jsir audit ieħor ta' dawn l-aħħar sentejn minn meta leħaq President.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

John Buttigieg staqsa jekk iż-żewġt impjegati klerikali bdewx jaħdmu. Is-SE wieġeb li wieħed kien beda, u l-ieħor ser jibda iktar tard lejn l-aħħar tax-xahar. Alfred Grima staqsa jekk kienux saru xi intervisti qabel ma il-bord kien iltaqa' mal-applikanti. Is-SE wieġeb li kien bagħat għall-applikanti kollha, u 4 minnhom biss kienu attendew. Dan kien għamlu fuq struzzjonijiet tal-Viċi President. Kull applikant kien intbagħtlu biex jattendi għal interview mal-bord.

Chris Grech tkellem fuq it-tender tas-cctv u qal li l-Kunsill tal-Mosta għandu bżonn numru ta' cameras magħrufa bħala APNR. Huwa qal li kull Kunsill għandu bżonn affarijiet speċifiċi għalih u għalhekk kien qed jiproponi li r-Reġjun jgħaddi €60,000 lil kull Kunsill biex dawn jintużaw fi proġetti skond kif għandu bżonn il-Kunsill. Alfred Grima qabel mal-proposta u ssekonda l-mozzjoni. John Buttigieg qal li dawn il-flus għandhom ikunu allokati għal proġetti kapitali, u li għandu jkun hemm term ta' meta dawn il-fondi jistgħu jintużaw. Kien propost li dan it-term ikun sa' Mejju 2024. Trevor Fenech qal li hu ma jaqbilx li jkun hemm din ir-restrizzjoni u l-fondi għandhom jintużaw skond il-bżonn u l-ħtieġa tal-Kunsill rispettiv. Paul Vella qal li jekk ikunu proġetti kapitali, ir-Reġjun jista jieħu iktar espożizzjoni. Wara li saret diskussjoni, il-membri qablu unanimament mal-proposta tas-Sur Chris Grech. Il-President talab lis-SE jara kif tista ssir din il-proposta.

## 5.1 Komunikazzjoni

.

Sikka Bajda - Il-membri qablu li din il-materja hija responsabilta` ta' ERA, allura m'għandhomx jidħlu fiha.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 6.1 Rapporti

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;**

International Christmas Choir Festival. L-organizzatur Noel Castillo kien mistieden jattendi l-laqgħa tar-Reġjun biex jispjega aħjar dak mitlub. Minħabba li kien jinsab imsiefer, is-Sur Castillo ingħaqad mal-laqgħa online. Huwa rringrazzja lill-membri tal-għajnuna sabiex jittella' dan il-festival. Spjega li dawn il-korijiet kienu ser ikunu esklussivament għar-Reġjun Tramuntana u mhux ser jintużaw fl-ebda lokal ieħor. Sa' dak inhar tal-laqgħa, kienu ikkonfermati 17-il kor. Dawn ser ikunu qed jieħdu sehem f'diversi kunċerti mtella' l-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija f'numru ta' lokalitajiet, il-Ħadd filgħodu fejn ser ikantaw waqt il-quddiesa tal-Ħadd u filgħaxija ser ikun hemm kunċert kbir fil-knisja tal-Mosta. Minħabba attivita` lokali fil-Mellieħa, is-Sur Castillo ser ikun qed jara kif jista jirranġa l-attivita` tal-festival ġewwa l-Mellieħa.
Is-Sur Castillo spjega li l-għajnuna mitluba hija għat-trasport neċessarju, ilma għall-koristi waqt il-kunċerti, u overtime/spejjeż tal-knejjes rispettivi. Trevor Fenech qal li ġa la darba dawn il-korijiet ser ikunu esklussivi għar-Reġjun, allura l-ispejjeż relatati mat-transfers tal-airport għandhom ikunu koperti wkoll. Preżentament, ir-Reġjun talab numru ta' kwotazzjonijiet għas-servizz ta' trasport, iżda għadu m'hemmx skeda ta' kif ser ikun it-trasport. Din ser tinħadem mis-Sur Castillo. Trevor Fenech talab li fejn hu possibli, jintużaw lukandi fir-Reġjun. Il-membri qablu li jkomplu jghinu biex jittella' dan il-festival.

Is-SE ippreżenta l-propoosta mibgħuta minn Appraiser fuq is-sistema tal-bulky waste. Huwa ntalab iġib 3 kwotazzjonijiet għal sistema bħal din.

Hamiem: Bjorn Bonello qal li talab informazzjoni fuq il-programm tal-ħamiem, iżda l-informazzjoni mogħtija ma kinitx ċara dwar l-effettivita` ta' dan. Huwa ntalab jara fuq sistemi alternattivi biex jikkontrollaw il-popolazzjoni tal-ħamiem. Paul Vella qal li l-Kunsill tal-Imġarr huwa nteressat fuq sistemi ta' kontroll tal-ħamiem. Alfred Grima issuġġerixxa li dan il-programm ikun iffinanzjat mir-Reġjun.

Mental Health – Il-President ippropona li r-Reġjun iwaqqaf programm għall-impjegati u membri tar-Reġjun u Kunsilli għas-Saħħa mentali, fejn ikun hemm sistema ta' numru ta' żjarat għal min ikollu bżonn imħallsa mir-Reġjun. Kyle Mifsud qal li l-Gvern għandu programm għall-impjegati tal-Gvern fuq saħħa mentali. Il-membri qablu li għalissa din il-proposta titwaqqaf.

Fort Mosta – Is-SE spjega li wara sena u nofs ta' diskussjoni, il-Forzi Armati ta' Malta kienet tgħat il-kunsens biex isir 3D digital tour tal-Fortizza. Huwa talab lill-membri japprovaw żieda ta' 3D digital tour ieħor ta' dan il-post. Il-President ipropona li dan il-programm isir. Il-membri qablu unanimament.

Christmas Regional Team Building event – Il-President ippropona li r-Reġjun jagħmel attivita` għall-Kunsilli kollha nhar il-5 ta' Diċembru 2023.

C.B.V.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-SE ippresenta kwotazjonijiet għall-xiri ta' Macbook gdid. Il-membri qablu li jinxtra dan il-computer.

**7.2 Waste Collection –**

WasteServ preżentament għadha ma ħalsitx numru ta' invoices bir-riżultat li dan qed ikollu impatt negattiv fuq il-Kunsilli. Chris Grech ippropona li r-Reġjun jibda jħallas dawn il-kontijiet hu minflok il-Kunsilli biex jassisti lill-Kunsilli. Ir-Reġjun jiġbor l-ispejjeż mingħand WasteServ. Ir-Reġjun ser ikun qed jerġa' jibgħat l-invoices lil WasteServ. Kien ukoll imsemmi li s'issa għadu ma kienx iffinalizzat il-kuntratt ma' BRO (l-iskemi).

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 167 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Chris Grech issekonda l-mozzjoni. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 14 ta' Novembru 2023, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 14 ta' Novembru, 2023